MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru. 510/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Rodrick Tabone**

Kumpilazzjoni 510/2013

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Rodrick Tabone,** ta' 25 sena, iben Tarcisio u Carmen nee' Farrugia, imwieled Pieta fis-16 ta' Novembru, 1987, residenti gewwa l-fond 12 Magdalene, Vjal ix-Xarolla, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 517387M

Akkuzat talli b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, u cioe':

1. U aktar talli, nhar il-5 t' Ottubru, 2013 u/jew fix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenjza jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u met ama kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li kellu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b' diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.
3. U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Qorti meta nhar it-22 ta' Jannar 2013 inghata sentenza ta' art 22 tal-Kapitolu 446 ghal sena u nofs mill-Magistrat Dr E Grima LL.D.

Rat it-taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapiotlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat t-tieni imputazjoni; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali tieghu.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li jkun ta’ beneficcju akbar ghas-socjeta jekk l-imputat jirnexxielu jirriabilta ruhu mill-vizzju tad-droga ghalhekk ikun aktar idoneu li l-imputat jinaghta l-opportunita li jaghmel u jkompli sa tmiemu programm ta’ riabilitazzjoni minflok piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat it-taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti ta’l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment; in oltre l-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma’l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fit-22 ta’ Jannar 2013 pero qed testendi l-perjodu ta’ liberta kondizzjonata ghall-massimu ta’ tlett snin. In konkluzzjoni qed tordna id-distruzzjoni, a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti, l-oggetti esebieti bhala Dok KP5.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordinijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-ufficju tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------